*-jattanza*

*-azzjoni straordinarja u anomala għall-ordni ġuridiku tallum*

*-terminu fatali ta' sena li matulu*

*trid issir il-kawża*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERĊIEĊA LL.D.**

**ILLUM, 14 TA' MEJJU 2019.**

**Rikors Nru. 999/2018GM**

**1) PHILIP DIMECH F'ISMU PROPJU U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA':**

**-JOANNE BEZZINA, MICHELLE BEZZINA U MICHAEL BEZZINA ULIED JOHN**

**BEZZINA;**

**- CHARLES MICHAEL ŻAMMIT, MICHAEL JOSEPH ŻAMMIT, JOAN ELIZABETH PACE, MARIANNE THERESE SIVE MARIANNE CHENSEE, DIANNE JOSETTE PAWLAK, KEVIN GEORGE ŻAMMIT ULIED CARMELA SIVE CARMEN ŻAMMIT;**

**-RONALD JOSEPH SIVE RONNE BEZZINA;**

**-MARIE SIVE MARY REBALO BINT JOSEPH BEZZINA;**

**-JOSEPH MICHAEL SIVE JOSPEH CAMILLERI, CHRISTOPHER JOHN SIVE CHRISTOPHER CAMILLERI, JENINE DRAPER, DANIEL CAMILLERI, STEPHEN CAMILLERI, ANTHONY CAMILLERI ULIED AGNES CAMILLERI;**

**-DOLORES MARIA SIVE DORA PHILLIPS, JOE BEZZINA U JEAN SIVE JANE DICTON ULIED JAMES SIVE JIMMY BEZZINA;**

**2) MARIA ASSUNTA DIEMCH MART JOHN DIMECH U MARIA SONIA LAGRASTA U JOSEF DIMECH ULIED JOHN DIMECH;**

**3) EMANUELA DIMECH**

**4) GEORGE DIMECH**

**5)ALFRED DIMECH**

**6)CARMEL SIVE CHARLES DIMECH**

**7)ĠIOVANNA BORĠ**

**8)DORIS ĊINI GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' JESSIE VASSALLO BEZZINA**

**VS**

**JOSEPH GALEA**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-atturi imressaq fit-12 ta' Ottubru 2018 fejn talbu lil Qorti sabiex tipprefiġġi terminu a tenur tal-Artiklu 403 u 404 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-intimat iġib 'il quddiem kawża bil-pretensjoni li huwa propjetarju tal-arja sovrastanti il-fond ossia garaxx numru 79 qabel 5 u iktar qabel 13, Triq il-Mitħna, Mosta u fin-nuqqas ta' dan, jiġi mpedut milli jaġixxi qatt iżjed fuq il-pretensjoni tiegħu li għandu dritt ta' propjeta` fuq l-imsemmija arja.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Galea eċċepixxa illi:

1. Qatt ma vvanta l-ebda pretensjoni dwar l-arja in kwistjoni

2. L-atturi agixxew tardivament

3. Ma jissussistux l-elementi tal-azzjoni tal-jattanza

4. L-attur jridu jippruvaw li għandhom il-pussess tal-arja msemmija;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-atturi;

Innutat li l-konvenut ma ressaqx nota ta' sottomissjonijiet responsiva fit-terminu lilu mogħti;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma dawn:

1. L-atturi huma propjetarji tal-fond bin-numu 81 u 83 gia 6 u 7, gia 14 fi Triq il-Mitħna, Mosta. Il-proprjeta` in kwistjoni kienet ġiet akkwistata minn Bartholomea sive Alberta Buġeja nee' Bezzina permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni in atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti datat 2 ta' Ġunju 1939 illi sar bejnha u bejn ħuha Salvatore Bezzina fejn il-fond inqasam f'żewġ porzjonijiet, speċifikament Porzjon A u Porzjon B;

2. Salvatore Bezzina messu Porzjon A minn din id-diviżjoni li tikkonsisti "f'kamra bil-bieb numru 13 għall-imsemmija triq, f'kamra wara l-imsemmija kamra, f'taħt it-taraġ b'ġibja tal-ilma tax-xita komuni mal-fond li jinsab in-naħa tal-lemin ta' min ikun dieħel fl-imsemmi lok ta' bini u f'kamra oħra wara taħt it-taraġ."[1] Bartholomea sive Alberta Buġeja messha Porzjon B illi jikkonsisti "f'entrata bil-bieb numru 14 għal-imsemmija triq, f'gabinett in-naħa tal-lemin ta' min ikun dieħel fl-intrata, f'taraġ imsaqqaf għal-ewwel pjan, fl-arja tal-bejt tal-kamra li qiegħda wara taħt it-taraġ, fil-bejt tal-intrata, f'gabinett fuq il-gabinett tal-pjan terren, f'kamra fuq il-kamra bil-bieb numru 13, bl-alcava fuq il-kamra li qiegħda wara l-kamra bil-bieb numru 13 u fl-arja tal-bejt tal-kamra li qiegħda fuq il-kamra bil-bieb numru 13 u tal-bejt tal-alkova"[2];

3. Bartholomea sive Alberta Buġeja nee` Bezzina mietet nhar it-13 ta' Marzu 1967 u ħalliet bħala werrieta b'testment datat 22 ta' Frar 1961 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri lil ħutha Carmelo Bezzina, Giuseppe Bezzina u Grazia Cachia, lkoll aħwa Bezzina. L-atturi huma lkoll werrieta tad-defunti werrieta ta' Bartholomea sive

[1] Fol 12.
[2] Ibid.

Alberta Buġeja nee' Bezzina u ċjoe' l-atturi huma l-werrieta ta' Carmelo Bezzina, Giuseppe Bezzina u Grazia Cachia[3];

4. Il-konvenut akkwista permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Marzu 1970 in atti tan-Nutar Francis Micallef akkwista l-fond illum garaxx bin-numru 79 gia 5 gia 13, Triq il-Mitħna, Mosta liema propjeta' tinsab adjaċenti u sottoposta għall-propjeta tal-atturi;

5. Permezz ta' ittra legali datata 4 ta' Frar 2017 l-intimat ressaq pretensjoni fuq l-għeluq tal-aċċess illi huwa għandu minn ġewwa l-fond tiegħu għal-kamra adjaċenti għal-propjeta' tal-atturi.[4] Sussegwentament permezz ta' ittra legali datata 13 ta' Frar 2017 u ittra uffiċċjali datata 30 ta' Mejju 2017, l-atturi interpellaw lill-intimat sabiex jiddeżisti milli jkompli javvanza pretensjonijiet mingħajr ma jressaq prova ta' titolu li huwa qiegħed jivvanta izda l-istess intimat naqas milli jipprovdi l-istess;

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-atturi intavolaw din il-kawża a tenur tal-proċedura stabbilita bit-Titolu VIII, sub-titolu II "Fuq il-Ġudizzju ta' Jattanza", Artikoli 403 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 403 jipprovdi hekk:

"*Meta f'atti ġudizzjarji, jew xort'oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess*

---

[3] Vide arblu tar-razza Dok B a fol 19.
[4] Dok D a fol 159.

*pretensjoni, titlob, b'rikors ġuramentat, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretenzjoni*";

Illi min-naħa tiegħu, il-konvenut qiegħed isostni li l-azzjoni attriċi hija perenta għax l-atturi naqsu milli jipproċedu fi żmien sena minn meta l-konvenut avża bil-miktub bil-pretensjonijiet tiegħu. Illi għalhekk il-Qorti sejra tittratta l-ewwel din il-kwestjoni billi, jekk issib li hija waħda tajba, ma jkunx hemm għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

Illi ngħad mill-qrati tagħna "Illi l-iskop uniku legali u soċjali tal-istitut ta' Jattanza huwa li l-kontestazzjonijiet jigu riżolti. Il-Liġi ma tridx li tħalli l-pretensjonijiet fl-arja kif lanqas ma trid li persuna tivvessa persuna oħra bi pretensjonijiet li ma jingiebu qatt quddiem il-Qorti kompetenti għas-smigħ u determinazzjoni."[5] Min-naħa l-oħra, l-istess Qrati wissew ukoll li dan huwa prinċipju eċċezzjonali li għandu jċedi għall-prinċipju ta' natura ġenerali li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jiftaħ kawża: "illi huwa minnu li l-ġudizzju ta' jattanza huwa kontradittur għad-dettam tad-dritt u għall-massima speċjalment *invitus agere nemo cogitur*; l-għaliex in-norma hija li *actor in sua potestate habet quando utatur juri suo*, b'mod li l-istess rimedju ma għandux jiġi estiż; imma mill-banda l-oħra jingħad li dana l-ġudizzju, skond id-dritt komuni u l-iżvilupp li tawh il-prattiċi, huwa neċessarju għall-prevenzjonijiet ta' kwalunkwe diffamazzjoni bla kawża, b'eskluzjoni ta' preżunzjoni ta' kalunja, bl-iskop preċipwu *ad finiendos lites*. Dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana Notes on Civil Procedure, p . 1456 ifisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...a violation of the principle that no one may be compelled, against

[5] Ara, fost oħrajn, App. Ċiv. 28.3.2014 fil-kawża fl-ismijiet Paul sive Lino Aġius et vs Joseph Meilaq et.

his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit." Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;

Illi ġaladarba l-leġislatur Malti għażel li jimponi dan it-terminu ta' sena, ifisser li ried jillimita drastikament it-terminu li fih tista' ssir il-kawża ta' millantazzjoni[6]. Kieku ried mod ieħor, ma kien jimponi l-ebda terminu, l-istess bħalma sar f'Kodiċijiet barranin taħt sistemi oħrajn tal-liġi[7];

Illi l-konvenut bagħat ittra legali lil atturi fl-4 ta' Frar 2017 fejn gharrafhom bil-miktub bil-pretensjonijiet tieghu u il-kawża mill-atturi infetħet fit-12 ta' Ottubru 2018 u għalhekk huma aġixxew tardivament u ċjoe' tmien xhur l-għeluq is-sena minn meta l-imħarrek pretenda li għandu xi jedd bil-miktub;

Illi ġaladarba hemm dan l-element nieqes, il-Qorti m'hemmx għalfejn teżamina jekk jissusstux l-elementi l-oħrajn;

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Tiċħad it-talbiet attriċi billi ma jikkonkorrux l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex l-azzjoni tal-millantazzjoni tista' titwettaq; u

[6] 6 P.A. 14.2.1952 fil-kawża fl-ismijiet Grima vs Caffary (Kollez. Vol: XXXVI.i.632).

[7] Ara, b'eżempju, art. 278 sa 284 tal-Codice Estense tal-1852 u art. 905 – 907 tal-Codice di Procedura Civile Per gli Stati di Sua Maesta' il Re di Sardegna tal-1959 kif ikkwotati f'Joseph Baldacchino et vs JJS Developers Limited, PA, 30.06.2016.

Tordna li l-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA